MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 495/2001/1

**Miriam Camenzuli.**

**vs.**

**Mario Camenzuli.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' April 1996, fl-ismijiet **"Miriam Camenzuli pro et noe vs. Mario Camenzuli"** giet pronunziata s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti.

Illi bl-istess sentenza gie ordnat li l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti ghandha tigi terminata;

Illi gie ukoll deciz illi in vista tal-interess tal-ulied minuri li l-istess kommunjoni tal-akkwisti m'ghandhiex tigi likwidata, hlief ghall-vettura Suzuki U 4994 u fir-rigward tad-dejn mal-Lohombus Corporation;

Illi l-konvenut huwa surgent tal-Pulizija u sejjer jispicca minn dan il-Korp u sejjer jircievi *gratuity* li parti minnha tappartieni lill-attrici bhala sehemha mill-kommunjoni;

Illi l-attrici ghandha raguni serja li tahseb li l-istess konvenut sejjer jipprova jeludi li jhallasha sehemha u ghallhekk harget mandat ta' sekwestru;

Illi ma jaghmilx sens li l-assi l-ohra rimanenti fl-istess kommunjoni li jikkonsistu principament fid-dar konjugali u xi ftit ghamara li tezisti fl-istess dar jigu likwidati, *stante* li l-attrici skond l-istess sentenza ghandha dritt li tibqa' toqghod fl-istess dar konjugali;

Illi l-istess attrici talbet li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex:

1. Tigi ordnat id-divizjoni tal-istess *gratuity* bejn il-kontendenti;

2. Tigi l-istess *gratuity* tigi likwidata f'zewg partijiet;

3. Tigi parti hekk likwidati tigi assenjata lill-attrici u parti l-ohra lill-konvenut u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha timponi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru Nru. 771/01 li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta' xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat ir-rikors attrici tat-2 ta' Novembru 2001 u d-digriet tal-Qorti tal-5 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 2001 fejn deher il-konvenut li ghal kull *buon fini* ta ruhu b'notifikat bic-

citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u ghalhekk ghandu jwiegeb ghat-talbiet attrici fi zmien 20 jum.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-5 ta' Dicembru 2001 a fol 17 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi fl-ewwel lok, jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss il-"*gratuity*" riferita mill-attrici titqies li tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-partijiet, u l-istess komunjoni ghandha tigi likwidata u diviza kif stabbilit skond is-sentenza ta' din il-Qorti riferita wkoll mill-attrici gheluq sitt snin mid-data li fiha spiccat dik il-komunjoni, mela allura jispetta biss lill-attrici li tipprocedi ghall-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-beni kollha formanti l-komunjoni meta konsentit bis-sentenza ta' din il-Qorti; u ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici huma inattendibbli.

2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-"*gratuity*" involuta ma tifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-partijiet; u ghalhekk ukoll it-talbiet attrici huma inattendibbli.

3. B'rizerva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 18 tal-process;

Rat estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbali tat-13 ta' Frar 2002 u tal-15 ta' Mejju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, il-konvenut iddikjara li l-*gratuity* hi fl-ammont ta' cirka Lm10,000. Inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b'terminu t'40 jum kull wiehed.

Rat il-verbal ta in-nota tal-attrici tat-22 ta' Mejju 2002 fejn permezz taghha gie esebit l-affidavit taghha stess u kopja ta' sentenza (fol 25 sa 38).

Rat in-nota tal-konvenut tas-27 ta' Awissu 2002 fejn permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu stess u xi dokumenti (fol 40 sa 56).

Rat il-verbal tal-15 t'Ottubru 2002 fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar, trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota tal-attrici tal-21 ta' Novembru 2002 (fol 58).

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI

Illi fl-affidavit taghha **l-attrici Miriam Camenzuli** qalet:
*"Jien separata minn zewgi skond s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-1 t'April 1996 li kopja taghha qed nesebixxi man-nota li qed nipprezenta. Jiena isseparajt ghaliex zewgi mar jghix ma mara ohra w abbanduna lili u lit-tfal. Biex niehu il-manteniment kelli naghmel rikors sabiex jiena niehu il-manteniment direttament minn ghadd it-Tezor ghaliex ma kienx qed jghadili il-manteniment regolarament. Zewgi kien jahdem bhal Surgent fil-Pulizija. Ir-relazzjonijiet tieghu mieghu u kemm mat-tfal huma mill-aghar. Tajjeb illi nghid illi s-sena l-ohra it-tifel li qed jitghallem ghan-nurse ha scholarship biex imur jistudja barra il-pajjiz. Peress li kien ghadu taht l-eta` kellu bzon il-firma tieghu biex isiefer. Missieru ma ffirmalux u kelli naghmel ir-rikors is-Sekond' Awla biex din taghti l--awtorizzazjoni mehtiega.*

*Meta zewgi gie biex jispicca mill-Pulizija huwa kellu jircievi l-gratuity. Parti minn din is-somma tappartjeni lili bhala sehmi mill-kommunjoni tal-akkwisti. Zewgi qed jippretendi li jiena m'ghandhiex niehu parti minn din il-gratuity. Ghalhekk biex nikkawtela d-drittijiet tieghi jiena hrigt mandat ta' sekwestru li jgib in-numru 771/01. Kieku ma ghamilitx dan is-sekwestru zgur li ma kontx nara sold minn dawn il-flus.*

*Peress li dan il-mandat huwa wiehed kawtelatorju jiena kelli insegwih bilkawza prezenti.*

*Is-sentenza tas-separazzjoni stabbiliet fil-pagna 11 li l-kommunjoni tal-akkwisti m'ghandhiex tigi likwidata u tinqasam qabel sitt snin mid-data tas-sentenza. Meta jiena ftaht din il-kawza dan it-terminu kien ghadu m'ghadhiex.*

*Jien izzewwigt fit-8 ta' Frar 1979 u isseparajt fl-1 t'April 1996. Qabel ma zzewwigt zewgi kien ilu fil-Pulizija tlett snin. Huwa hareg mill-Pulizija s-sena l-ohra wara 25 sena servizz fl-korp. Ma nafx is-somma ezatta kemm ha zewgi bhala gratuity."*

Illi fl-affidavit tieghu **il-konvenut Mario Camenzuli** qal:

*"Jiena dhalt fil-Korp tal-Pulizija fis-26 ta' April, 1976. Fl-1981 ilhaqt il-grad ta' Surgent, u bqajt f'din il-kariga sa l-ahhar ta' Mejju tas-sena 2001 meta jiena rtirajt bil-pensjoni. Qed nehmez ma' dan l-affidavit Certifikat tas-Servizz tieghi markat Dokument A.*

*Is-somma li kienet dovuta lili bhala "gratuity" tammonta ghal Lm11,787.50. Minn din is-somma jiena rcevejt Lm7,287.50, billi l-attrici kienet ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ghas-somma ta' Lm4,500.00 "in kawtela ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti" mill-imsemmija "gratuity" (mandat ta' sekwestru numru 771/01, 21 ta' Marzu, 2001). Qed nehmez ma' dan l-affidavit ittra rilaxxjata mid-Dipartiment tat-Tezor, datata 28 ta' Mejju, 2002 (Dokument B).*

*Jiena zzewwigt fit-8 ta' Frar, 1979, fil-waqt illi sseparajt legalment in forza tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim'Awla fl-1 ta' April, 1996 (Dokument C). Skond is-sentenza ta' separazzjoni gie ordnat illi l-komunjoni ta' l-akkwisti bejni u bejn l-attrici "tispicca mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva". Il-"gratuity" meritu ta' din il-kawza saret dovuta lili billi ghazilt li nirtira mill-Korp tal-Pulizija wara hamsa u ghoxrin sena servizz.*

*Barra hekk, pero', is-sentenza ta' separazzjoni pprovdiet ukoll illi "hlief ghall-vettura Suzuki numru V-4994 u ghad-dejn mal-Lohombus Corporation, il-beni formanti parti minn din il-komunjoni ma ghandhomx jinqasmu qabel ma jghaddu sitt snin mid-data Ii fiha tispicca I-komunjoni", cioe' I-20 ta' April, 2002. Jiena tlabt lill-attrici biex tersaq ghall-qsim effettiv tal-komunjoni gja' ezistenti bejnietna, komprizi d-dar taz-zwieg u I-effetti mobili Ii jinsabu fid-dar pero' eskluza l-"gratuity" ghar-ragunijiet fuq imfissra, u hija rrifjutat. Intant kont kostrett Ii nikkawtela s-sehem tieghi mill-effetti mobili ezistenti fid-dar bil-mandat ta' deskrizzjoni numru 4962/99, sakemm jigi biex isir il-qsim effettiv tal-komunjoni, segwit bic-citazzjoni numru 2600/99/RCP liema kawza hi attwalment pendenti.*

*L-attrici dejjem hadet dak li kien taghha skond is-sentenza li firditna, pero' tippretendi Ii tiehu aktar minn hekk u nfatti Ilikwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni ta' I-akkwisti ser ikollhom isiru permezz ta' kawza Ii jkollha ssir da parti tieghi.”*

**<u>(B) Konsiderazzjonijiet.</u>**

Illi l-provi f’din il-kawza ma humiex kontestati, u fil-fatt jirrizulta li l-partjiet izzewgu fit-8 ta’ Frar 1979, u legalment isseparaw skond sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta’ April 1996, li kopja informi taghha tinsab esebita a fol. 27 sa fol. 38 tal-process, u fejn rigward il-komunjoni tal-akkwisti inghad testwalment is-segwenti:-

*“Tilqa’ r-raba’ talba attrici limitatament kif gej u cjoe’ billi tordna li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tispicca mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva izda kwantu ghall-likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni ta’ l-istess peress li ma ingabux provi bizzejjed dwar il-konsistenza tal-komunjoni u peress li, l-interess tal-minuri hekk jirrikjedi, tordna li hlief ghall-vettura Suzuki numru U – 4994 u ghad-dejn tal-Lohombus, il-beni formanti parti minn din il-komunjoni ma ghandhomx jinqassmu qabel ma jghaddu sitt snin mid-data li fiha tispicca l-komunjoni; pero’ l-vettura Suzuki imsemmija qed tigi assenjata minn issa, flimkien mad-dejn*

*kollu fuqha, lill-konvenut (jigifieri dan jibqa' responsabbli li jhallas id-dejn kollu li ghad fadal fuq din il-vettura) fil-waqt li l-"monthly repayment" fuq is-self mal-Lohombus ghandu jinqassam bin-nofs bejn il-parijiet, u dwar dan is-self il-Qorti gja provdiet in konnessjoni mat-tielet talba attrici".*

Illi jigi rilevat ukoll li din is-sentenza sabet lill-konvenut hati ta' adulterju u kien ghalhekk u fuq din il-bazi li giet pronunzjata l-istess separazzjoni bejn il-partijiet, u fil-fatt il-konvenut gie kkundannat ihallas lill-martu u lil uliedu l-manteniment hemm stabbilit fl-istess decizjoni, apparti li *ai termini* tal-**artikolu 55A tal-Kap 16,** l-attrici odjerna giet awtorizzata sabiex tghix fid-dar konjugali 10, Gesu' Redentur, Triq George Stevens Fgura, ad esklussjoni tal-konvenut, apparti li gew komittati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (a) (b) (c) u (d).**

Illi jidher li din is-sentenza ma giet bl-ebda mod appellata, anzi jidher li l-partijiet qaghdu fuq dak hemm ordnat, tant li l-konvenut f'din il-kawza qed isostni fl-ewwel eccezzjoni tieghu li din it-talba ma tistax issir *stante* qabel it-terminu fuq indikat fl-istess sentenza u mbaghad tali talba ghandha tikkomprendi l-likwidazzjoni tal-assi kollha formanti l-istess komunjoni.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher li l-istess decizjoni dwar il-provedimenti hemm maghmula dwar l-istess komunjoni tal-akkwisti hija wahda *sui generis* u dettata mic-cirkostanzi tal-kaz dak in-nhar in ezami bejn il-partijiet, u jidher car mill-istess sentenza li l-istess Qorti waslet ghad-decizjoni taghha dwar l-istess komunjoni ghal zewg ragunijiet, li huma ndikati fil-parti dispozittiva tal-istess sentenza u cjoe':-

(a) li l-partijiet ma gabux provi bizzejjed dwar il-konsistenza tal-komunjoni;

(b) li l-interess tal-minuri hekk jirrikjedi.

Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll li jidher car mis-sentenza li l-istess Qorti meta waslet ghad-decizjoni li hadet, ikkonsidrat ukoll il-fatt li l-istess kontedenti kellhom zewg

minuri Ramona u Andrei u li dak iz-zmien tas-sentenza kellhom sittax-il sena u tnax-il sena rispettivament. Dan ifisser li allura llum huma t-tnejn maggorenni jew ahjar l-ahhar wiehed imsemmi kwazi maggorenni.

Illi f'dan l-istess ragunament tal-Qorti jidher li hija hadet ukoll in konsiderazzjoni il-posizzjoni tal-partijiet dwar id-dar konjugali, *stante* li f'pagna disa' (9) tal-istess sentenza u precizament fil-paragrafu ennumerat hamsa (5) jinghad li *"hemm sostanzjalment qbil bejn il-partijiet li l-attrici u wliedha jkomplu jghixu fid-dar konjugali"* u dan qed jinghad li huwa ovvju li ghalkemm inghad fl-istess decizjoni li l-partijiet ma gabux provi bizzejjed dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jidher car li dwar l-istess dar konjugali xi forma ta' prova kien hemm, u jidher li l-istess fond kien jifforma parti mill-istess b'dan pero' li l-attrici giet awtorizzata sabiex tghix ma wliedha fl-istess dar.

Illi mill-istess sentenza ghalhekk jidher car li l-kwistjoni odjerna ta' *gratuity* li sussegwentement ircieva l-konvenut, wara spicca mis-servizz tieghu fil-korp tal-pulizija wara hamsa u ghoxrin sena (25) servizz ma gietx ikkonsidrata, anke ghaliex din jidher li mmaturat wara l-ghoti tal-istess sentenza, u fil-fatt ma hija msemmija fl-ebda parti tal-istess sentenza.

Illi jirrizulta wkoll li din is-sentenza sejra tinghata llum 27 ta' Marzu 2003, meta jkunu ghaddew iktar minn sitt snin mid-data li l-istess decizjoni tal-1 ta' April 1996 bejn u citata mill-partijiet ghaddiet in gudikat, u allura dak kontenut fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar kif u meta setghet issir talba ma jistax illum jintlaqa', anke minhabba li t-terminu msemmi fl-istess sentenza llum skada, u dan apparti l-massima ta' *jus superveniens.*

Illi pero' anke kieku wiehed kellu jinjora dan kollu, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut wkoll ma tistax tinlaqa' *stante* li jidher car li llum l-interess tal-minuri ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni odjerna huwa differenti minn dak li anima lill-ewwel Qorti fid-decizjoni minnha moghtija, *stante* li jidher li fl-istess sentenza dan kien principalment immirat ghal

fejn kienu ser joqghodu l-istess minuri, u cjoe' relatat mad-dar konjugali, meta l-kwistjoni odjerna llum hija ben differenti.

Illi fil-fatt fil-premessi tac-citazzjoni attrici hemm indikat li l-istess komunjoni, apparti l-pendenza odjerna tikkonsisti biss fl-istess dar konjugali u l-ghamara u dan jikkonferma r-ragonament ta' din il-Qorti u tas-sentenza fuq citata.

Illi wkoll jinghad li l-kwistjoni odjerna qatt ma qamet quddiem l-istess Qorti li ppronunzjat l-istess sentenza ta' separazzjoni, u dan ghaliex f'dak il-mument l-istess hlas ma kienx jezisti; wkoll din l-azzjoni attrici hija animata mill-fatt li sabiex tikkawtela l-interessi taghha fl-istess somma hija harget mandat ta' sekwestru fuq dik il-parti tas-somma li kien ghadha ma thallsitx lill-konvenut, u din kellha bilfors tissostanza l-pretensjoni taghha fil-mertu b'kawza *ad hoc* fit-termini moghtija fil-ligi, altrimenti l-istess mandat kawtelatorju ma jibqax veljanti, ghalkemm il-Qorti zzid tghid li tali kawza setghet kienet semplici dikjaratorja.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni jidher car li llum ma hemm ebda ostakolu ghaliex it-talba attrici ma ghandhiex guridikament u legalment tigi kkunsidrata, ghalkemm din il-Qorti hija wisq dispjacuta ghaliex wara d-decizjoni li nghatat mill-istess Qorti kif citata mill-partijiet, li jidher li akkwijexxew ghall-istess, ma kienux l-istess partijiet innifishom li jaslu ghall-ftehim fuq l-istess somma.

Illi dwar il-punt imqajjem mill-konvenut li t-talba attrici kellha ssir ghall-likwidazzjoni w assenjazzjoni tal-oggetti formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti kollha, apparti dak li nghad iktar il-fuq, fuq iz-zmien meta ser tinghata din is-sentenza (li din il-Qorti kif presjeduta hadet konjizzjoni taghha biss fil-15 ta' Mejju 2002) u l-*jus superveniens,* jidher li ma hemm l-ebda raguni legali ghaliex din it-talba ghad-divizjoni tal-istess *gratuity* ma ghandhiex tigi kkunsidrata *ut sic,* kemm ghaliex li jidher car minn dak fuq premess, li l-istess qatt ma giet ikkunsidrata fl-istess sentenza, u kemm ghaliex l-istess sentenza stess qasmet xi oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-

partijiet, kif jidher car mill-bran citat fl-istess sentenza, liema sentenza giet accettata mill-istess partijiet, u ghalhekk huma stess accettaw u akkwijexxew ghall-istess. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut wiehed jirreferi ghall-**artikolu 1320 tal-Kap 16** li jirreferi ghall-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u mill-istess disposizzjonijiet jirrizulta li dak kollu li l-partijiet jakkwistaw bix-xoghol u l-hidma taghhom huwa parti mill-istess entita' u dan kif provdut fil-paragrafu **(a)** tal-istess u dan apparti dak li jipprovdi il-paragrafu **(b) tal-istess artikolu 1320.**

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-*gratuity* li rcieva l-konvenut kienet frott tas-servizz tieghu fl-istess Korp tal-Pulizija mis-26 ta’ April 1976 sal-ahhar ta’ Mejju 2001, cioe’ ghal hamsa u ghoxrin (25) sena shah, u ghalhekk fil-kumpattazzjoni tal-istess zmien wiehed ma jistax jinnota l-gran parti tal-istess servizz fil-korp sehh mill-attur meta kien mizzewweg lill-attrici u kien jopera bejn il-partijiet l-istitut tal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi fil-fatt il-partijiet izzewgu fit-8 ta’ Frar 1979 u sseparaw legalment bl-istess decizjoni fuq citata fl-1 ta’ April 1996, u fuq perjodu ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena li fuqha hija kkalkulata l-istess somma dan ifisser li meta zzewweg il-konvenut kien gja ilu tlett snin fil-korp, (ghaliex dahal fis-sena 1976) mentri meta spicca fis-sena 2001, l-komunjoni tal-akkwisti kienet ilha li giet terminata ghal hames snin, ghaliex sehhet in forza tal-istess decizjoni ndikata kif ghaddiet in gudikat wara d-data tal-1 ta’ April 1996.

Illi tenut kont tal-istess perjodu ta’ 25 sena li fuqha hija bbazata l-istess *gratuity* jidher li minn dawk is-snin, tmienja (8) minnhom ma kienx hemm ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti (tlett snin minn 1976 san-1979; hames snin mill-1996 sal-2001), u ghalhekk dak li ghandu jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti huwa l-ammont proporzjonali relattiv ghall-bqija ta’ sbatax-il sena li fiha kienet ghadha qed topera l-komunjoni tal-akkwisti cjoe’ mid-data taz-zwieg fit-8 ta’ Frar 1979 sad-data tas-

sentenza tal-1 ta’ April 1996, jew iktar preciz meta din ghaddiet in gudikat.

Illi dan iffisser li la darba kif ammess u pruvat mill-konvenut li s-somma kienet tammonta ghall-Lm11,787.50 dak li jappartjeni mill-istess somma lill-komunjoni tal-akkwisti hija l-kalkolazzjoni ta’ 17 il-sena mis-somma fuq stabbilita’ ghal hamsa u ghoxrin sena, fl-ammont ta’ Lm11,787.50.

Illi ghalhekk l-ammont hemm mahdum jirrizulta li huwa s-segwenti:-

Lm11,787.50 maqsum bejn 25 = Lm471.50 x 17-il sena li huwa ekivalenti ghall-Lm8,015.50 li minnhom l-attrici ghandha nofs l-istess bhala sehma mill-komunjoni tal-akkwisti u dan jammonta ghall-Lm4,007.75, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha fl-istess ammont.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa’ t-talbiet attrici biss kif hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tordna d-divizjoni tal-istess *gratuity* bejn il-kontendenti.

2. Tillikwida l-istess *gratuity* fl-ammont ta’ hdax-il elf, sebgha mija u sebgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm11,787.50) u tiddikjara li din ghandha tigi maqsuma f’zewg partijiet mhux ugwali, kif fuq premess, u cjoe’ s-somma ta’ seba’ t’elef seba’ mija u disa’ u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm7,779.75) li ghandhom jigu assenjati lill-konvenut u s-somma ta’ erba’ t’elef u seba’ liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4,007.75) li ghandhom jigu assenjati lill-attrici bhala s-sehem rispettiv taghha mill-istess somma;

3. Tassenja l-istess somma ta’ seba’ t’elef seba’ mija u disa’ u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm7,779.75) lill-konvenut, u s-somma ta’ erba’ t’elef u seba’ liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4,007.75) lill-attrici, b’dan li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-istess somma ta’ erba’ t’elef u seba’ liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4,007.75) kif fuq premess bhala s-sehem taghha mill-istess *gratuity.*

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru Nru. 771/01 a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**